**14 ta' Diċembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Martin Fenech

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Xhud – Kompellibilità ta' – Inkriminazzjoni ta' – Maħfra Presidenzjali – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Protezzjoni tal-Liġi**

*Ir-rikorrent kien ġie mħarrek biex jixhed fi proċeduri kriminali kontra terzi. Huwa kien ingħata maħfra kkundizzjonata mill-President tar-Repubblika sabiex ikun jista' jixhed. Ir-rikorrent udixxa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi ppretenda li kien qiegħed jiġi mġiegħel jixhed b'mod li jista' jinkrimina ruħu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba. Il-Qorti Kostituzzjonali, fuq appell tar-rikorrent ikkonfermat.*

*Id-dritt li wieħed ma jagħtix ix-xiehda tiegħu jissusisti biss f'kawża kriminali pendenti kontra tiegħu. F'kawżi oħra kontra terzi x-xhud ma għandux dritt fundamentali li jirrifjuta li jixhed għaliex b'hekk jinkrimina ruħu.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Martin Fenech ippreżentat fil-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn wara li espona bir-rispett:

Illi fil-proċedimenti l-Pulizija kontra Francis Mallia li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, l-esponenti kien ġie eżentat mill-Qorti milli jixhed stante li bix-xiehda tiegħu huwa jista' jinġieb taħt proċess kriminali;

Illi fis-27 ta' Ottubru 1987, l-Uffiċjal Prosekutur esebixxa Mandat mill-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta mogħti fit-8 ta' Ottubru 1987, li fost ħwejjeġ oħra, jipprovdi:

"Billi kif ġie mfisser illi, l-imsemmija persuna hija persuna li setgħet kellha x'taqsam fir-reati fuq imsemmija..... Għalhekk b'dana nagħti maħfra suġġetta għall-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'il quddiem lill-persuna msemmija u nawtorizza lill-Kurunell John Spiteri, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet ta' Kummissarju tal-Pulizija mogħtija lilu skond il-liġi, biex iwiegħed lill-imsemmi Martin Fenech il-maħfra tal-President tar-Repubblika ta' Malta dwar il-kummissjoni minnu ta' kollha jew ta' xi wħud mir-reati fuq imsemmija, b'dana però illi l-istess Martin Fenech jagħti x-xiehda għall-prosekuzzjoni kif intqal hawn fuq u li jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa";

Illi in kwantu l-imsemmija maħfra kkundizzjonata tħalli lok għall-possibilità ta' proċeduri kriminali kontra l-esponenti f'każ li hu jagħżel li jixhed iżda għal xi raġuni l-intimat jidhirlu fid-deskrizzjoni insindakabbli tiegħu li l-esponenti ma jkunx qal "is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa", l-imsemmija maħfra kkundizzjonata ma tagħtix garanzija suffiċjenti ta' immunità minn proċeduri kriminali kontra tiegħu. Għalhekk, l-imsemmija maħfra kif ifformulata tmur kontra d-dritt fundamentali ta' l-esponenti li ma jweġibx għal mistoqsijiet meta

bix-xiehda tiegħu huwa jista' jinġieb taħt proċess kriminali, liema dritt hu sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi barra dan, in kwantu l-imsemmi mandat mogħti mill-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta jawtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija "biex iwiegħed..... il-maħfra tal-President tar-Repubblika ta' Malta..... B'dana però illi l-istess Martin Fenech jagħti x-xiehda għall-prosekuzzjoni.....", l-imsemmija maħfra kkundizzjonata hija fakoltattiva għall-esponent. Għalhekk, skond it-termini ta' l-imsemmi mandat l-esponent jista':

a) jew jagħżel li jixhed u, jekk jissodisfa li jkun qal is-sewwa kollu, jibbenefika mill-maħfra kkundizzjonata;

b) jew jagħżel li ma jipprevalixxix ruħu mill-maħfra kkundizzjonata;

Din il-maħfra hija subordinata għall-privileġġ li persuna ma tweġibx għal ebda mistoqsija inkriminanti meta bix-xiehda tagħha hija tkun tista' tinġieb taħt proċess kriminali. Għalhekk, il-wegħda magħmula fl-imsemmi mandat ma torbotx lil min jirċeviha u l-esponent ma jistax jiġi mġiegħel mill-Qorti tal-Maġistrati jew minn awtorità oħra biex jirrinunzja għall-imsemmi privileġġ u dritt fundamentali tiegħu, u jekk isir hekk jiġi leż l-istess dritt fundamentali ta' l-esponent li ma jagħtix xiehda inkriminanti fir-rigward tiegħu nnifsu, liema dritt huwa sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Talab għalhekk l-esponent illi dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa u meħtieġa biex twettaq dak li

hemm ipprovdut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fosthom billi:

1) tiddikjara illi l-mandat ta' l-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta tat-8 ta' Ottubru 1987 ma jagħtix garanzija sufficjenti li l-esponent ma jinġiebx taħt proċess kriminali mill-intimat, u li għalhekk dan il-mandat imur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

2) tiddikjara illi l-esponent għandu dritt jagħżel li ma jipprevalixxix ruħu mill-maħfra kkundizzjonata fuq riferita u li f'dik l-eventwalità ma jistax jiġi mġiegħel jagħti tweġibiet inkriminanti fir-rigward tiegħu nnifsu stante li dan jikkostitwixxi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju 1988 li biha ddeċidiet dwar ir-rikors u t-talbiet fih ikkontenuti billi għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza ċaħdet l-istess talbiet hemm ikkontenuti bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra r-rikorrent u dan wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Martin Fenech ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 1988 li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-appell u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex jiġu kkunsidrati t-talbiet tar-rikorrent fil-mertu;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentata fil-5 ta' Lulju 1988;

Rat id-deċiżjoni tagħha preliminari tal-31 ta' Ottubru 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell ir-rikorrenti appellant qed jissottometti li l-artikolu 39(10) tal-Kostituzzjoni, li fuqu hija bbażata l-azzjoni tiegħu, huwa intiż li jipproteġi lill-individwu milli jiġi mġiegħel jixhed kontra tiegħu nnifsu indipendentement miċ-ċirkostanza jekk il-proċeduri li fihom jissejjaħ biex jixhed humiex kontra tiegħu jew le. Skond ir-rikorrent appellant, ir-raġuni għal din is-sottomissjoni hija li skond il-Kostituzzjoni jista' jadixxi quddiem sede kostituzzjonali kull min sofra jew x'aktarx se jsofri vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu. Dejjem jistgħu jinbdew proċeduri kontra tiegħu għal reat kriminali jekk ix-xiehda mistennija minnu ma tissodisfax lil min għandu diskrezzjoni insindakabbli *"to prosecute or not to prosecute"*, mentri l-leġislatur ried li ħadd ma jiġi mġiegħel jixhed meta bix-xiehda tiegħu jista' jinġieb taħt proċess kriminali;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 39(10) tal-Kostituzzjoni, li fuqu r-rikors ta' l-appellant huwa imsejjes (ara verbal ta' l-24 ta' Marzu 1988 – fol. 10) jiddisponi illi:

"Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha";

Jidher ċar mit-termini espressi ta' l-imsemmi artikolu illi jista' jiġi invokat biss minn persuna fi proċeduri għal reat kriminali li jkunu qed jittieħdu kontra tagħha. Bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma' jista' jingħad, fil-fehma tal-Qorti, li dak l-artikolu għandu jiġi miftiehem fis-sens li jista' jiġi invokat minn peresuna fi proċeduri għal reat kriminali li ma jkunux ittieħdu kontra tagħha u li ttieħdu kontra ħaddieħor. Ir-riferenza għall-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni magħmula mir-rikorrent appellant, fejn jingħad li kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-art. 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura, tista' titlob legalment għal rimedju, ma tgħinx lir-rikorrent appellant għaliex l-artikolu 39(10) qiegħed jikkontempla l-każ speċifiku ta' xiehda minn persuna fi proċeduri kontra tagħha, u ma jistax jingħad li d-disposizzjoni ta' l-artikolu 39(10) sejra aktarx tiġi miksura;

Lanqas ma tara l-Qorti li r-rikorrent appellant jista' jissottometti li l-leġislatur ried loġikament fl-art. 39(10) illi ħadd ma jiġi mġiegħel jixhed meta bix-xiehda tiegħu jista' jinġieb taħt proċess kriminali. Il-kliem ta' l-art. 39(10), li fuqha hija bbażata l-azzjoni odjerna, huma ċari u univoċi u ma jagħtu lok għall-ebda interpretazzjoni: il-leġislatur ried li ħadd ma jiġi mġiegħel jixhed fi proċeduri kontra tiegħu għal reat kriminali. Il-leġislatur fl-artikolu 39(10) qiegħed iħares lejn il-persuna ta' l-akkużat u jagħtih id-dritt li ma jixhedx fil-proċeduri kontra tiegħu għal reat kriminali;

Fil-każ preżenti r-rikorrent appellant mhux akkużat b'reat kriminali – ma hemm l-ebda proċeduri kontra tiegħu għal reat kriminali u kwindi l-imsemmi artikolu 39(10) – bażi ta' l-azzjoni tiegħu – ma jistax jiġi invokat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell (apparti dawk deċiżi bid-deċiżjoni preliminari tal-31 ta' Ottubru 1988) għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent appellant.